IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, xxx

COM(2005) yyy finali

**GREEN PAPER**

**"Il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u ta' l-attività fiżika: Dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku"**

**GREEN PAPER**

# WERREJ

**"Il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u ta' l-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku"**


I. Is-sitwazzjoni fuq il-Livell Ewropew ..... 4

II. Is-Saħħa u l-Ġid ..... 5

III. Il-Proċedura ta' Konsultazzjoni ..... 5

IV. L-Istrutturi u l-Għodod fil-Livell Komunitarju ..... 6

IV.1. Il-Pjattaforma Ewropea għall-Azzjoni fuq id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa ..... 6

IV.2. In-Netwerk Ewropew dwar in-Nutriment u l-Attività Fiżika ..... 7

IV.3. Is-Saħħa f'oqsma ta' politika oħrajn ta' l-UE ..... 7

IV.4. Il-Programm ta' Azzjoni għas-Saħħa Pubblika ..... 7

IV.5. L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (EFSA) ..... 8

V. Oqsma fejn trid tittieħed azzjoni ..... 8

V.1. Tagħrif għall-konsumatur, reklamar u *marketing* ..... 8

V.2. Edukazzjoni tal-konsumatur ..... 9

V.3. Importanza lit-tfal u ż-żgħażagħ ..... 9

V.4. Id-disponibbiltà ta' l-ikel, l-attività fiżika u l-edukazzjoni dwar is-saħħa fil-post tax-xogħol ..... 10

V.5. L-integrazzjoni tal-prevenzjoni u l-kura tal-ħxuna u l-obeżità fis-servizzi tas-saħħa 10

V.6. Nindirizzaw l-ambjent obeżoġeniku ..... 10

V.7. L-inugwaljanzi soċjo-ekonomiċi ..... 11

V.8. It-trawwim ta' strateġija integrata u komprensiva għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika ..... 11

V.9. Rakkomandazzjonijiet għat-teħid ta' sustanzi nutrittivi u għall-iżvilupp ta' linji ta' gwida dwar id-dieta bbażati fuq l-ikel ..... 12

V.10. Kooperazzjoni lil hinn mill-Unjoni Ewropea ..... 12

V.11. Kwistjonijiet oħrajn ..... 13

VI. Il-passi li jmiss ..... 13

Anness 1: Figures and Tables

Anness 2: Relationship between diet, physical activity and health

Anness 3: References

## GREEN PAPER

## "Il-promozzjoni ta' dieta tajba għas-saħħa u ta' l-attività fiżika: dimensjoni Ewropea għall-prevenzjoni tal-ħxuna, l-obeżità u l-mard kroniku"

## I. IS-SITWAZZJONI FUQ IL-LIVELL EWROPEW

I.1. Id-dieti li mhumiex tajbin għas-saħħa u n-nuqqas ta' attività fiżika huma l-kawżi ewlenin ta' mard u mwiet prematuri fl-Ewropa li jistgħu jiġu evitati, u l-obeżità, li kull ma jmur qed issir dejjem iżjed komuni madwar l-Ewropa, hija punt ta' tħassib maġġuri għas-saħħa pubblika (*cf l-anness 2 għal tagħrif dwar il-kuntest).*

I.2. Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex tikkontribwixxi lejn il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa[(i)1], u sabiex tistudja modi kif tista' ssir promozzjoni ta' nutriment tajjeb fl-Unjoni Ewropea, jekk ikun meħtieġ billi tagħmel proposti għal dak il-għan[2]. Il-Kunsill talab ukoll lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex joħolqu u jimplimentaw inizjattivi bil-għan li jippromwovu d-dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika[3].

I.3. Il-Komunità għandha kompetenza ċara f'dan il-qasam: L-Artikolu 152 tat-Trattat jirrikjedi li jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-oqsma kollha ta' politika u ta' l-attivitajiet kollha tal-Komunità. Għadd ta' oqsma ta' politika Komunitarja huma rilevanti għan-nutriment u l-attività fiżika, u l-Kunsill ikkonferma l-ħtieġa li n-nutriment u l-attività fiżika jitqiesu fl-oqsma kollha ta' politika fil-livell Ewropew[4].

I.4. L-azzjoni fil-livell Komunitarju tista' tkun utli billi żżid ma' l-azzjoni li tittieħed fil-livell Komunitarju. Mingħajr ma' tillimita l-kapaċità għal azzjonijiet li jista' jagħti l-każ li l-Istati Membri jixtiequ jieħdu, azzjoni Komunitarja tista' tesplojta s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala, tiffaċilita azzjoni komuni fl-Ewropa kollha, ixxerred l-aħjar prassi u b'hekk tikkontribwixxi lejn l-impatt ġenerali ta' l-inizjattivi ta' l-Istati Membri.

I.5. Il-Kunsill enfasizza li n-natura multi-kawżali ta' l-epidemija ta' l-obeżità teħtieġ strateġija li tinvolvi l-bosta partijiet interessati[5] - li eżempju ewlieni tagħha huwa l-Pjattaforma Ewropea għal Azzjoni fuq id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa (*cf it-taqsima IV.1*) – u azzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej[6]. Il-Kunsill laqa' wkoll il-ħsieb tal-Kummissjoni li tressaq din il-Green Paper u li fl-2006 tressaq ir-riżultati ta' l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni mal-pubbliku li tnieda bil-Green Paper[7].

I.6. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew enfasizza li l-azzjoni fil-livell Komunitarju jista' jsaħħaħ l-effett ta' l-inizjattivi meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali, is-settur privat u l-NGOs[8].

---

[(i)] Ir-referenzi huma miġbura fl-Anness 3 fil-qiegħ ta' dan id-dokument

I.7. Għadd ta' Stati Membri diġà qed jimplimentaw strateġiji nazzjonali jew pjanijiet ta' azzjoni fil-qasam tad-dieta, l-attività fiżika u s-saħħa[9]. L-azzjoni Komunitarja tista' tappoġġa u żżid ma' dawn l-attivitajiet, tippromwovi l-koordinament tagħhom, u tgħin biex tiġi identifikata u mxerrda l-prassi tajba, sabiex pajjiżi oħra jkunu jistgħu jgawdu mill-esperjenza miksuba.

## II. IS-SAĦĦA U L-ĠID

II.1. Minbarra t-tbatija umana li ġġib magħha, il-konsegwenzi ekonomiċi ta' l-okkorrenza ta' l-obeżità, li kull ma jmur qed tiżdied, huma ta' importanza partikolari. Huwa stmat li fl-Unjoni Ewropea l-obeżità tgħodd għal 7% ta' l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa[10], u dan l-ammont għandu jiżdied iżjed meta wieħed iqis it-tendenza ġenerali ta' żieda fl-obeżità. Minkejja li mhix disponibbli dejta dettaljata għall-pajjiżi kollha ta' l-UE, l-istudji jenfasizzaw l-ispiża ekonomika estremament għolja li ġġib magħha l-obeżità: Fir-rapport imħejji mill-Uffiċju Nazzjonali tal-Verifika tar-Renju Unit fl-2001 kien stmat li l-obeżità fl-Ingilterra biss tammonta għal 18-il miljun jum ta' xogħol mitluf u 30,000 mewta prematura, li jikkorrispondu għal spiża annwali diretta tal-kura tas-saħħa ta' għallinqas GBP 500 miljun. L-ispiża usa' lill-ekonomija, li tinkludi produttività iktar baxxa u produzzjoni mitlufa, kienet stmata għal GPB 2 biljuni oħra fis-sena[11]. Ir-rapport ta' l-2004 mill-Uffiċjal Mediku Ewlieni tar-Renju Unit dwar l-impatt ta' l-attività fiżika u r-relazzjoni tagħha mas-saħħa kkalkula l-ispiża tan-nuqqas ta' attività fiżika għal GBP 8.2 biljuni fis-sena (li tinkludi kemm l-ispiża għall-kura tas-saħħa kif ukoll l-ispiża usa' lill-ekonomija, bħal jiem mitlufa ta' xogħol)[12]. Fl-Irlanda, l-ispiża diretta għall-kura ta' l-obeżità kienet stmata għal madwar €70 miljun fl-2002[13]. Fl-Istati Uniti, is-CDC stmat li l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa marbuta ma' l-obeżità għal $75 biljun[14]. F'livell individwali, l-istudji jikkalkulaw li l-adulti obeżi medji fl-Istati Uniti jġarrbu nefqa medika annwali li hija 37% ogħla minn dik ta' persuna b'piż normali[15]. Dawn l-ispejjeż diretti ma jqisux il-produttività mnaqqsa b'riżultat tad-diżabbiltà u l-imwiet prematuri.

II.2. Analiżi li saret mill-Istitut Żvediż għas-Saħħa Pubblika jikkonkludi li fl-UE, 4.5% tas-snin mitlufa minħabba d-diżabbiltà u l-imwiet prematuri (*disability-adjusted lifeyears* - DALYs) jintilfu minħabba nutriment ħażin, bi 3.7% u 1.4% oħra li jintilfu minħabba l-obeżità u n-nuqqas ta' attività fiżika – total ta' 9.6%, filwaqt li minħabba t-tipjip jintilfu 9%[16].

II.3. Rapport riċenti mill-Istitut Olandiż għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent, RIVM, eżamina l-għamla djetetika mhux favorevoli u t-telfien tas-saħħa. Waħda mill-konklużjonijiet hija li konsum eċċessiv tat-tipi 'ħżiena' ta' xaħmijiet, bħall-aċidi grassi saturati u dawk trans, iżid il-possibilità ta' l-iżvilupp ta' mard kardjovaskulari b'25%, filwaqt li l-konsum tal-ħut darba jew darbtejn fil-ġimgħa inaqqas dan ir-riskju b'25%. Fl-Olanda, kull sena, 38,000 każ ta' mard kardjovaskulari fost l-adulti li għandhom 20 sena u iktar jista' jiġu attribwiti għal għamla mhux favorevoli tad-dieta[17].

II.4. Għalhekk, il-ġlieda kontra l-ħxuna u l-obeżità mhijiex biss importanti fil-kuntest tas-saħħa pubblika, iżda għandha tnaqqas ukoll l-ispejjeż tas-servizzi tas-saħħa fuq il-medda twila ta' żmien u tistabbilizza l-ekonomiji billi tippermetti liċ-ċittadini li jgħixu ħajja produttiva sax-xjuħija u lil hinn sewwa. Din il-Green Paper se sservi biex tiddetermina jekk, billi żżid ma' l-attivitajiet ta' l-Istati Membri, l-azzjoni fil-livell

Komunitarju tistax tikkontribwixxi lejn it-tnaqqis tar-riskji tas-saħħa, trażżan in-nefqa fis-settur tal-kura tas-saħħa, u ttejjeb il-kompetittività fl-ekonomiji ta' l-Istati Membri.

## III. IL-PROĊEDURA TA' KONSULTAZZJONI

III.1. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni "Ċittadini aktar b'saħħithom, aktar sikuri u aktar kunfidenti: Strateġija għas-Saħħa u l-Konsumatur"[18], il-Kummissjoni qed tħejji serje ta' strateġiji Komunitarji li jindirizzaw l-iktar determinanti importanti tas-saħħa, inkluż in-nutriment u l-obeżità. F'dan il-kuntest, din il-Green Paper għandha l-għan li tiftaħ proċess ta' konsultazzjoni b'bażi wiesgħa u li tniedi diskussjoni fil-fond, bl-involviment ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, li timmira lejn l-identifikazzjoni tal-kontribut possibbli fuq livell Komunitarju fil-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u ta' l-attività fiżika.

III.2. Il-Kummissjoni titlob lill-organizzazzjonijiet interessati kollha sabiex jibagħtu risponsi għall-kwistjonijiet imqajma minn din il-Green Paper, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Marzu 2006, lill-indirizz li ġej (preferebbilment permezz ta' l-e-mail):

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Unit C4 – Determinanti tas-Saħħa
E-mail : SANCO-C4-NUTRITIONGREENPAPER@cec.eu.int
Indirizz postali: L-2920 Il-Lussemburgu
Fax: (+ 352) 4301.34975

Dawn ir-risponsi m'għandhomx ikunu studji xjentifiċi, iżda proposti konkreti u bbażati fuq l-evidenza għat-tfassil ta' politika primarjament fil-livell ta' l-UE. Partikolarment, huma mistennija risponsi mill-operaturi ekonomiċi dwar kwistjonijiet fil-qasam ta' l-interess speċifiku tagħhom (eż. reklamar u *marketing*, tikkettar...), assoċjazzjonijiet tal-pazjenti u NGOs tas-saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur.

III.3. Sakemm dawk li jibagħtu rispons ma jistqarrux bil-kontra, is-servizzi tal-Kummissjoni jassumu li dawn ma għandhom xejn kontra l-fatt li r-risponsi tagħhom, jew partijiet minnhom, jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Kummissjoni u/jew jiġu kkwotati f'rapporti li janalizzaw ir-riżultat tal-proċess ta' konsultazzjoni[19].

III.4. Minħabba n-natura multifattorjali tal-mard marbut ma' abitudnijiet djetetiċi li ma jagħmlux tajjeb għas-saħħa u man-nuqqas ta' attività fiżika, u minħabba li jinħtieġ rispons mill-bosta partijiet interessati biex dan jiġi indirizzat, din il-Green Paper tinkludi ċerti kwistjonijiet li jaqgħu primarjament taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri ta' l-UE (eż. l-edukazzjoni u l-ippjanar ta' l-ibliet); għandha tikkontribwixxi wkoll billi tiddetermina fejn l-UE tista' madankollu tagħti valur miżjud, eż. billi tappoġġa n-networking fost il-partijiet interessati u xxerred prassi tajba.

## IV. L-ISTRUTTURI U L-GĦODOD FIL-LIVELL KOMUNITARJU

### IV.1. Il-Pjattaforma Ewropea għall-Azzjoni fuq id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa

IV.1.1. Sabiex jiġi stabbilit forum komuni għall-azzjoni, il-Pjattaforma Ewropea għall-Azzjoni fuq id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa tniedet f'Marzu 2005. Il-Pjattaforma tgħaqqad

flimkien il-parteċipanti rilevanti kollha attivi fil-livell Ewropew li huma lesti li jagħmlu impenji li jorbtu u li huma verifikabbli bil-għan li jwaqqfu u li jaqilbu d-direzzjoni tat-tendenzi tal-ħxuna u l-obeżità. L-għan tal-Pjattaforma huwa li jikkatalizza l-azzjoni volontarja madwar l-UE min-negozji, is-soċjetà ċivili u s-settur pubbliku. Il-membri tal-Pjattaforma jinkludu r-rappreżentanti ewlenin fil-livell ta' l-UE ta' l-industriji ta' l-ikel, tal-ħwienet, tal-*catering*, u tar-reklamar, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u NGOs tas-saħħa.

IV.1.2. Il-pjattaforma għandha tipprovdi eżempji ta' azzjoni koordinata iżda awtonoma minn partijiet differenti tas-soċjetà. Hija mfassla biex tistimola inizjattivi oħrajn fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, u biex tikkoopera ma' fora simili fuq livell nazzjonali. Fl-istess ħin, il-Pjattaforma tista' tagħti kontribut għall-integrazzjoni tar-risponsi għall-isfida ta' l-obeżità f'firxa usa' ta' oqsma ta' politika ta' l-UE. Il-Kummissjoni tħares lejn il-Pjattaforma bħala l-aktar mezz promettenti għal azzjoni mhux leġiżlattiva minħabba li din tinsab unikament fil-pożizzjoni li tibni l-fiduċja bejn il-partijiet interessati ewlenin. L-ewwel riżultati mill-Pjattaforma huma inkoraġġanti: l-involviment ta' oqsma oħra ta' politika Komunitarja huwa qawwi, il-membri tal-Pjattaforma qed jippjanaw impenji b'firxa wiesgħa għall-2006, u laqgħa konġunta bejn il-partijiet interessati ta' l-Istati Uniti għandha tikkontribwixxi lejn l-iskambju ta' prassi tajba. Barra minn hekk, intlaħaq qbil mal-Ministri ta' l-Isports sabiex joffru appoġġ lill-Pjattaforma. L-ewwel evalwazzjoni tar-riżultati tal-Pjattaforma għandha ssir fin-nofs ta' l-2006[20].

## IV.2. In-Netwerk Ewropew dwar in-Nutriment u l-Attività Fiżika

IV.2.1. Netwerk dwar in-Nutriment u l-Attività Fiżika magħmul minn esperti maħtura mill-Istati Membri, id-WHO u NGOs tal-konsumaturi u s-saħħa ġie stabbilit mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2003 sabiex jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' l-attivitajiet tal-Kummissjoni għat-titjib tan-nutriment, biex jitnaqqas u jiġi evitat il-mard marbut mad-dieta, għall-promozzjoni ta' l-attività fiżika u għall-ġlieda kontra l-ħxuna u l-obeżità. In-Netwerk se jkun involut mill-qrib fl-analiżi tar-risponsi għal din il-Green Paper.

## IV.3. Is-Saħħa f'oqsma ta' politika oħrajn ta' l-UE

IV.3.1. Il-prevenzjoni tal-ħxuna u l-obeżità timplika strateġija integrata għat-trawwim tas-saħħa, strateġija li tgħaqqad il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja li ma jagħmlux ħsara lis-saħħa ma' azzjonijiet bil-għan li jindirizzaw l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi u l-ambjent fiżiku, u b'impenn li jissegwew għanijiet ta' saħħa permezz ta' oqsma ta' politika Komunitarja oħrajn. Strateġija bħal din tkun tirrikjedi li tinvolvi għadd ta' oqsma ta' politika Komunitarja (eż. il-politika ta' l-agrikoltura, tas-sajd, ta' l-edukazzjoni, ta' l-isport, tal-konsumatur, ta' l-intrapriżi, tar-riċerka, dik soċjali, tas-suq intern, ta' l-ambjent u dik awdjoviżiva), u li tkun appoġġata minnhom b'mod attiv.

IV.3.2. Fil-livell tal-Kummissjoni, għadd ta' mekkaniżmi qegħdin joperaw attwalment sabiex ikun żgurat li s-saħħa titqies f'oqsma ta' politika Komunitarja oħrajn:

- għal proposti ta' politika ewlenin minn servizzi tal-Kummissjoni oħrajn, id-Direttorat Ġenerali tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur jiġi kkonsultat sistematikament;
- il-grupp dwar is-saħħa komuni għas-servizzi jiddiskuti l-kwistjonijiet marbuta mas-saħħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni kollha kkonċernati;

- il-proċedura ta' evalwazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni, li ġiet stabbilita bħala għodda li ttejjeb il-kwalità u l-koerenza tal-proċess ta' l-iżvilupp tal-politika u li tinkludi l-evalwazzjoni ta' l-impatti fuq is-saħħa.

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:
>
> – Liema huma l-kontributi konkreti li oqsma differenti ta' politika Komunitarja, jekk ikun il-każ, għandhom jagħmlu lejn il-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u ta' l-attività fiżika, u lejn il-ħolqien ta' ambjenti li jagħmlu l-għażliet tajbin għas-saħħa għażliet ħfief?
>
> – Liema tip ta' miżuri Komunitarji jew nazzjonali jistgħu jikkontribwixxu lejn it-titjib ta' l-attraenza, id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-prezzijiet tal-frott u l-ħxejjex?
>
> – F'liema oqsma marbuta mat-nutriment, l-attività fiżika, l-iżvilupp ta' għodod għall-analiżi ta' mard psikoloġiku relatat, u l-imġiba tal-konsumatur tinħtieġ iktar riċerka?

## IV.4. Il-Programm ta' Azzjoni għas-Saħħa Pubblika

IV.4.1. L-importanza tan-nutriment, l-attività fiżika u l-obeżità hija riflessa fil-Programm ta' Azzjoni għas-Saħħa Pubblika[21] u l-Pjanijiet ta' Ħidma annwali tiegħu. Fil-parti dwar it-tagħrif dwar is-saħħa, il-Programm jappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jiġbru dejta iktar solida dwar l-epidemjoloġija ta' l-obeżità, u dwar il-kwistjonijiet ta' mġiba[22]. Il-Programm qed iqiegħed fis-seħħ ġabra ta' indikaturi komparabbli għall-istatus tas-saħħa, inkluż fil-qasam tal-konsum djetetiku, l-attività fiżika u l-obeżità.

IV.4.2. Taħt il-parti tad-determinanti tas-saħħa, il-Programm qed jappoġġa proġetti pan-Ewropej li għandhom l-għan li jippromwovu abitudnijiet tajbin ta' nutriment u l-attività fiżika, inklużi strateġiji li jinkludu iktar minn aspett wieħed u strateġiji integrattivi li jrawmu l-integrazzjoni ta' strateġiji dwar l-istili ta' ħajja, l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjo-ekonomiċi, jiffukaw fuq gruppi fil-mira ewlenin u jorbtu flimkien ħidmiet fuq determinanti differenti tas-saħħa[23].

IV.4.3. Il-proposta tal-Kummissjoni għal programm ġdid tas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur[24] tiffoka ħafna fuq il-promozzjoni u l-prevenzjoni, inkluż fil-qasam tan-nutriment u l-attività fiżika, u tipprevedi linja ġdida ta' azzjoni dwar il-prevenzjoni ta' mard speċifiku.

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:
>
> – Kif tista' tittejjeb id-disponibbiltà u l-komparabbiltà tad-dejta dwar l-obeżità, partikolarment bil-ħsieb li jiġi ddeterminat it-tqassim ġeografiku u soċjo-ekonomiku ta' din il-kundizzjoni?
>
> – Kif jista' l-programm jikkontribwixxi biex iqajjem għarfien dwar il-potenzjal li abitudnijiet djetetiċi tajba u l-attività fiżika għandhom fuq it-tnaqqis tar-riskju ta' mard kroniku fost min jieħu d-deċiżjonijiet, il-professjonisti tas-saħħa, il-midja u l-pubbliku ġenerali?
>
> – Liema huma l-kanali ta' tixrid l-iktar xierqa għall-evidenza eżistenti?

## IV.5. L-Awtorità Ewropea Għas-Sikurezza Alimentari (EFSA)

IV.5.1. L-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari tista' tagħmel kontribut importanti fit-tisħiħ ta' l-azzjonijiet proposti dwar in-nutriment (eż. fuq il-konsum rakkomandat tas-sustanzi nutrittivi, jew fuq strateġiji ta' komunikazzjoni mmirati lejn il-professjonisti tas-saħħa, l-operaturi tal-katina alimentari u l-pubbliku ġenerali dwar l-impatt tan-nutriment fuq is-saħħa) b'pariri xjentifiċi u għajnuna (*dwar ir-rwol ta' l-EFSA fl-istabbiliment ta' linji ta' gwida djetetiċi bbażati fuq l-ikel, cf it-taqsima V.9 hawn taħt*).

# V. OQSMA FEJN TRID TITTIEĦED AZZJONI

## V.1. Tagħrif għall-konsumatur, reklamar u *marketing*

V.1.1. Il-politika tal-konsumatur għandha l-għan li tagħti s-setgħa lin-nies sabiex jagħmlu għażliet infurmati dwar id-dieta tagħhom. Tagħrif dwar il-kontenut nutrittiv tal-prodotti huwa element importanti f'dan ir-rigward. Tagħrif ċar u konsistenti dwar l-ikel jista', flimkien ma' l-edukazzjoni rilevanti tal-konsumatur, ikun il-pedament ta' għażla djetetika infurmata. B'dan l-għan, il-Kummissjoni ressqet proposta għal regolament biex jiġu armonizzati r-regoli dwar dikjarazzjonijiet ta' nutriment u saħħa[25] Dan jinkludi l-prinċipju li jiġu stabbiliti profili tan-nutrijenti, sabiex jiġi evitat li ikel li fih ħafna minn ċertu tip ta' sustanzi (bħall-melħ, ix-xaħam, ix-xaħam saturat u z-zokkor) ikollu dikjarazzjonijiet dwar il-benefiċċji potenzjali tiegħu ta' nutriment jew saħħa. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll emendi għar-regoli kurrenti dwar it-tikkettar b'tagħrif dwar in-nutriment.

V.1.2. Safejn għandhom x'jaqsmu r-reklamar u l-*marketing*, għandu jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jiġux imqarrqa, u speċjalment li ma jiġux esplojtati l-kredulità u n-nuqqas ta' għarfien tal-midja ta' konsumaturi vulnerabbli u, partikolarment, tat-tfal. Dan jirrigwarda partikolarment ir-reklamar ta' ikel b'ħafna xaħam, melħ u zokkor, bħal *snacks* b'ħafna kaloriji u xorb mhux alkoħoliku b'ħafna zokkor, u l-*marketing* ta' dawn il-prodotti fl-iskejjel[26]. L-awtoregolamentazzjoni mill-industrija tista' tkun il-mezz li jintgħażel f'dan il-qasam għaliex għandha għadd ta' vantaġġi fuq ir-regolamentazzjoni f'termini ta' rapidità u flessibiltà. Madankollu, jekk l-awtoregolamentazzjoni ma tagħtix riżultati sodisfaċenti, ikun jinħtieġ li jitqiesu l-għażliet l-oħrajn.

Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:

- Fil-provvediment ta' tagħrif dwar in-nutriment lill-konsumatur, x'inhuma s-sustanzi nutrittivi ewlenin, u l-kategoriji ta' prodotti li għandhom jiġu kkunsidrati, u għaliex?
- Liema tip ta' edukazzjoni tinħtieġ sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jifhmu bis-sħiħ it-tagħrif mogħti fuq it-tikketti ta' l-ikel, u min għandu jagħtiha?
- Il-kodiċi volontarji ("awtoregolamentazzjoni") huma għodda adegwata għal-limitazzjoni tar-reklamar u l-*marketing* ta' ikel b'ħafna kaloriji u ikel fqir fil-mikronutrijenti? Xi jkunu l-alternattivi li jkollhom jitqiesu jekk l-awtoregolamentazzjoni tfalli?
- Kif tista' tiġi definita, implimentata u sorveljata l-effettività fl-awtoregolamentazzjoni? Liema miżuri għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-kredulità u n-nuqqas ta' għarfien tal-midja ta' konsumaturi vulnerabbli ma jiġux sfruttati mir-reklamar, il-*marketing* u l-attivitajiet ta' promozzjoni?

## V.2. Edukazzjoni tal-konsumatur

V.2.1. It-titjib ta' l-għarfien tal-pubbliku dwar ir-relazzjoni bejn id-dieta u s-saħħa, il-konsum ta' l-enerġija u r-riżultati, dwar dieti li jnaqqsu r-riskju ta' mard kroniku, u dwar għażliet ta' ikel tajjeb għas-saħħa, huwa prerekwiżit għal kull politika dwar in-nutriment, kemm jekk fl-livell nazzjonali kif ukoll jekk fl-livell Komunitarju. Jeħtieġ li jiġu żviluppati messaġġi konsistenti, koerenti, sempliċi u ċari, u mxerrda permezz ta' kanali multipli u f'forom xierqa għall-kultura lokali, l-età u s-sess. L-edukazzjoni tal-konsumatur tikkontribwixxi wkoll lejn il-ħolqien ta' għarfien dwar il-midja, u tippermetti lill-konsumaturi li jifhmu aħjar it-tikkettar dwar in-nutriment.

Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom, bil-ħsieb li tiġi identifikata l-aħjar prassi, jinkludu:

- X'inhu l-aħjar mod kif il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u jieħdu azzjoni effettiva?
- Liema kontributi jistgħu jagħmlu s-sħubiji pubbliċi-privati lejn l-edukazzjoni tal-konsumatur?
- Fil-qasam tan-nutriment u l-attività fiżika, liema huma l-messaġġi ewlenin li għandhom jintbagħtu lill-konsumaturi; kif u minn min għandhom jintbagħtu?

## V.3. Importanza lit-tfal u ż-żgħażagħ

V.3.1. Għażliet importanti ta' l-istil tal-ħajja li jippredeterminaw ir-riskji tas-saħħa fil-ħajja adulta jsiru matul it-tfulija u l-adolexxenza; għalhekk huwa essenzjali li t-tfal jiġu ggwidati lejn imġiba li ma tagħmilx ħsara lis-saħħa. L-iskejjel huma ambjent ewlieni għal intervenzjonijiet li jippromwovu s-saħħa u jistgħu jikkontribwixxu għall-ħarsien tas-saħħa tat-tfal billi jippromwovu dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika. Hemm evidenza li kull ma jmur qed tiżdied li dieta tajba għas-saħħa ttejjeb il-kapaċità għall-konċentrazzjoni u għat-tagħlim. Barra minn hekk, l-iskejjel għandhom il-potenzjal li jħeġġu lit-tfal jagħmlu attività fiżika kuljum [27]. Il-miżuri rilevanti jistgħu jitqiesu fil-livell xieraq.

V.3.2. Sabiex jiġi evitat li t-tfal ikunu esposti għal messaġġi kunfliġġenti, jeħtieġ li l-isforzi ta' l-edukazzjoni dwar is-saħħa mill-ġenituri u fl-iskejjel jiġu appoġġati minn sforzi

mill-midja, is-servizzi tas-saħħa, is-soċjetà ċivili u s-setturi rilevanti ta' l-industrija (mudelli pożittivi) (*għall-*marketing *lit-tfal, cf it-taqsima V.1*).

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom, bil-ħsieb li tiġi identifikata l-aħjar prassi, jinkludu:
>
> – X'inhuma l-eżempji tajba għat-titjib tal-valur nutrittiv ta' l-ikliet provduti mill-iskejjel, u kif jistgħu l-ġenituri jiġu infurmati dwar kif itejbu l-valur nutrittiv ta' l-ikliet fid-dar?
>
> – X'inhi l-aħjar prassi għall-provvista ta' attività fiżika fl-iskejjel fuq bażi regolari?
>
> – X'inhi l-aħjar prassi għat-trawwim ta' għażliet djetetiċi tajbin għas-saħħa fl-iskejjel, speċjalment fir-rigward tal-konsum eċċessiv ta' *snacks* b'ħafna kaloriji u xorb mhux alkoħoliku b'ħafna zokkor?
>
> – Kif jistgħu l-midja, is-servizzi tas-saħħa, is-soċjetà ċivili u s-setturi rilevanti ta' l-industrija jappoġġaw l-isforzi ta' edukazzjoni dwar is-saħħa li jagħmlu l-iskejjel? Xi rwol jista' jkollhom is-sħubiji pubbliċi-privati f'dan ir-rigward?

## V.4. Id-disponibbiltà ta' l-ikel, l-attività fiżika u l-edukazzjoni dwar is-saħħa fil-post tax-xogħol

V.4.1. Il-postijiet tax-xogħol huma ambjent li għandu potenzjal qawwi għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika. *Canteens* li joffru għażliet tajbin għas-saħħa, u nies li jħaddmu li jrawmu ambjenti li jiffaċilitaw il-prattika ta' l-attività fiżika (eż. billi jipprovdu xawers u kmamar għat-tibdil) jistgħu jagħmlu kontributi importanti lejn il-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom, bil-ħsieb li tiġi identifikata l-aħjar prassi, jinkludu:
>
> – Kif jista' jirnexxilu min iħaddem joffri għażliet tajbin għas-saħħa fil-*canteens* fuq il-post tax-xogħol u jtejjeb il-valur nutrittiv ta' l-ikel li toffri l-*canteen*?
>
> – X'miżuri jistgħu jħeġġu u jiffaċilitaw il-prattika ta' l-attività fiżika matul il-brejk, u fit-triq lejn ix-xogħol u lura?

## V.5. L-integrazzjoni tal-prevenzjoni u l-kura tal-ħxuna u l-obeżità fis-servizzi tas-saħħa

V.5.1. Is-servizzi tas-saħħa u l-professjonisti tas-saħħa għandhom potenzjal qawwi biex itejbu l-għarfien tal-pazjenti tagħhom dwar ir-relazzjonijiet bejn id-dieta, l-attività fiżika u s-saħħa, u biex jikkonvinċuhom jagħmlu l-bidliet meħtieġa fl-istili tal-ħajja. Il-pazjenti jistgħu jirċievu stimoli importanti biex iwettqu bidliet bħal dawn jekk il-professjonisti tas-saħħa fil-kuntatti ta' rutina jinkludu pariri prattiċi lill-pazjenti u l-familji dwar il-benefiċċji ta' dieti tajbin u ta' livelli miżjuda ta' attività fiżika. It-trattament ta' l-obeżità jeħtieġ li jiġi indirizzat[28].

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:
>
> – Liema miżuri jinħtieġu biex tiġi żgurata integrazzjoni iktar b'saħħitha ta' intervenzjonijiet bil-għan li jiġu promossi dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika fis-servizzi tas-saħħa, u fuq liema livell?

### V.6. Nindirizzaw l-ambjent obeżoġeniku

V.6.1. L-attività fiżika tista' tiġi integrata fir-rutina ta' kuljum (eż. biex wieħed jasal l-iskola jew ix-xogħol għandu jimxi jew isuq rota minflok juża trasport motorizzat). Il-politika tat-trasport u l-ippjanar urban jistgħu jiżguraw li l-mixi, is-sewqan tar-rota u forom oħra ta' eżerċizzju jkunu faċli u sikuri, u jistgħu jindirrizaw mezzi mhux motorizzati ta' trasport. Il-provvista ta' mogħdijiet sikuri għar-roti u l-mixi lejn l-iskejjel tista' tkun mod wieħed kif tiġi indirizzata x-xejra inkwetanti tal-ħxuna u l-obeżità fit-tfal.

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:
>
> – Kif tista' l-politika pubblika tagħti kontribut biex tiżgura li l-attività fiżika tiġi 'integrata' fir-rutina ta' kuljum?
>
> – Liema miżuri jinħtieġu biex jitrawwem l-iżvilupp ta' ambjenti li jistimolaw l-attività fiżika?

### V.7. L-inugwaljanzi soċjo-ekonomiċi

V.7.1. L-għażla ta' l-ikel tiġi determinata kemm mill-preferenzi individwali kif ukoll minn fatturi soċjo-ekonomiċi[29]. Il-pożizzjoni soċjali, id-dħul finanzjarju u l-edukazzjoni huma determinanti ewlenin tad-dieta u l-attività fiżika. Ċerti distretti jistgħu jiskoraġġixxu l-attività fiżika, ma għandhomx strutturi ta' rikreazzjoni u jaffettwaw lil min hu żvantaġġat iktar milli lil dawk li jistgħu jaffordjaw jew li għandhom aċċess għat-trasport. Livell iktar baxxi ta' edukazzjoni u aċċess fqir għat-tagħrif rilevanti jnaqqsu l-kapaċità għal għażliet infurmati.

> Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:
>
> – Liema miżuri jistgħu jippromwovu d-dieta tajba għas-saħħa u l-attività fiżika fi gruppi tal-popolazzjoni u unitajiet domestiċi li jaqgħu f'ċerti kategoriji soċjo-ekonomiċi u jippermettu lil dawn il-gruppi jadottaw stili ta' ħajja li jagħmlu inqas ħsara lis-saħħa, u fuq liema livell?
>
> – Kif jista' jiġi indirizzat "ir-raggruppament ta' abitudnijiet ħżiena għas-saħħa" li ta' spiss intwera li huwa l-każ għal ċerti gruppi soċjo-ekonomiċi?

### V.8. It-trawwim ta' strateġija integrata u komprensiva għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika

V.8.1. Strateġija koerenti u komprensiva li għandha l-għan li tagħmel l-għażliet tajbin għas-saħħa disponibbli, attraenti u għal but ta' kulħadd tinvolvi l-kunsiderazzjoni ta' l-inklużjoni tan-nutriment u ta' l-attività fiżika fl-oqsma ta' politika kollha rilevanti fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej, sabiex jinħoloq l-ambjent ta' appoġġ meħtieġ, u jiġu żviluppati u applikati l-għodod meħtieġa għall-evalwazzjoni ta' oqsma ta' politika oħrajn dwar dieta tajba u l-attività fiżika[30].

V.8.2. Il-prevalenza ta' kundizzjonijiet kroniċi marbuta mad-dieta u l-attività fiżika tista' tvarja ħafna bejn l-irġiel u n-nisa, fost il-gruppi ta' l-età, u bejn l-istrata soċjo-ekonomiċi. Barra minn hekk, l-abitudnijiet djetetiċi kif ukoll imġiba li tinvolvi l-attività fiżika ħafna drabi huma integrati fit-tradizzjonijiet lokali u reġjonali. Għalhekk, l-istrateġiji mmirati lejn il-promozzjoni tad-dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika jeħtieġu li jkunu sensittivi għad-differenzi soċjo-ekonomiċi, kulturali u dawk marbuta mas-sessi, u li jinkludu perspettiva ta' matul il-ħajja.

Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:

– Liema huma l-iktar elementi importanti ta' strateġija integrata u komprensiva għall-promozzjoni ta' dieti tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika?

– Liema huma r-rwoli fil-livell nazzjonali u dak Komunitarju?

**V.9. Rakkomandazzjonijiet għat-teħid ta' sustanzi nutrittivi u għall-iżvilupp ta' linji ta' gwida dwar id-dieta bbażati fuq l-ikel**

V.9.1 Ir-Rapport WHO/FAO[31] jagħmel rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar il-konsum ta' sustanzi nutrittivi u miri ta' attività fiżika għal popolazzjoni f'rabta mal-prevenzjoni ta' mard serju li ma jittiħidx.

V.9.2. Il-proġett Eurodiet[32] ippropona miri kkwantifikati għal popolazzjoni ta' sustanzi nutrittivi, u jenfasizza l-ħtieġa li dawn jinbidlu f'linji ta' gwida djetetiċi bbażati fuq l-ikel (FBDGs - *food-based dietary guidelines*). L-FBDGs jeħtieġ li jkunu bbażati fuq tendenzi djetetiċi aċċettati u li jqisu l-fatturi soċjo-ekonomiċi u kulturali.

V.9.3. Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (EFSA) sabiex taġġorna l-pariri tagħha dwar l-enerġija, il-makronutrijenti u l-fibra djetetika. B'segwitu ta' dan, l-EFSA għandha tagħti pariri wkoll dwar il-konsumi ta' referenza minn popolazzjoni ta' mikronutrijenti fid-dieta u, jekk jitqies xieraq, sustanzi oħrajn essenzjali b'effett nutrittiv jew fiżjoloġiku fil-kuntest ta' dieta bilanċjata. Barra minn hekk, l-EFSA għandha tagħti pariri dwar il-bdil tal-pariri djetetiċi bbażati fuq in-nutrijenti fi gwida dwar il-kontribut ta' tipi ta' ikel differenti lid-dieta ġenerali li jibżgħu għas-saħħa tajba permezz ta' l-aħjar nutriment.

Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa' kontributi dwarhom jinkludu:

– Kif jistgħu jitqiesu l-varjazzjonijiet soċjali u kulturali u l-abidutnijiet djetetiċi reġjonali u nazzjonali fil-linji ta' gwida djetetiċi bbażati fuq l-ikel f'livell Ewropew?

– Kif jistgħu jingħelbu d-differenzi bejn il-miri proposti ta' sustanzi nutrittivi u t-tendenzi ta' konsum attwali?

– Kif jistgħu l-linji ta' gwida djetetiċi jiġu kkomunikati lill-konsumaturi?

– F'liema mod jistgħu s-sistemi ta' punteġġi tal-profil ta' sustanzi nutrittivi bħal dik żviluppata dan l-aħħar mir-Renju Unit jikkontribwixxu għal żviluppi bħal dawn[33]?

**V.10. Kooperazzjoni lil hinn mill-Unjoni Ewropea**

V.10.1. Bħalissa qed issir riflessjoni fil-livell internazzjonali fir-rigward ta' l-involviment globali tal-Codex Alimentarius[34] fil-qasam tan-nutriment. F'konformità mat-talba ta' l-Istrateġija Globali tad-WHO fuq id-Dieta, l-Attività Fiżika u s-Saħħa, l-UE tappoġġa l-fehma li għandha tingħata kunsiderazzjoni ġenerali lil kif il-kwistjonijiet ta' nutriment għandhom jiġu integrati fil-ħidma tal-Codex, filwaqt li jinżamm il-mandat kurrenti tal-Codex.

V.10.2. In-nutriment, id-dieta u l-attività fiżika għandhom ikunu s-suġġett ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn ir-regolaturi u l-partijiet interessati fl-UE u f'pajjiżi oħra fejn il-livelli ta' ħxuna u obeżità li kull ma jmur qed jiżdiedu[35].

Mistoqsijiet li l-Kummissjoni tilqa’ kontributi dwarhom jinkludu:

